MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 764/2004

**Gutenberg Press Limited [C-8936]**

**Vs**

**Xghajra Tornadoes Football Club**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm316.25c (tlett mija u sittax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti xoghol ta' stampar rez mis-socjeta' attrici lill-Club konvenut.

Ra li x-Xghajra Tornadoes Football Club ipprezenta Risposta fejn qal li l-ammont mhux dovut, li l-istampar ma sarx skond il-ftehim u li l-ammont mitlub huwa esagerat.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda.
Lawrence Lia ghall-Football Club xehed li sar ftehim mas-socjeta' attrici li s-socjeta' attrici tipprovdi "xi mija u hamsa

u ghoxrin kopja ta’ kull wiehed minn erba’ kalendarji differenti”. Ghal dawn, il-Club kellu jhallas Lm316.25c (tlett mija u sittax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu). Il-ftehim kien li s-socjeta’ attrici tlesti x-xoghol almenu fil-bidu ta’ Dicembru. Il-ftehim sar fil-bidu ta’ Novembru. Lia qal li s-socjeta’ attrici ma kienetx lestiet ix-xoghol izda l-Club kien accetta li jiehu l-*calendars* qabel il-Milied. Kien biss fi Frar 2003 li s-socjeta’ attrici lestiet kopja wahda ta’ xi mija u hamsa u ghoxrin. It-tlieta l-ohra baqghu ma sarux u Lia kien informa lis-socjeta’ attrici li “issa too late”.

Fil-kontro-ezami Lia qal li l-*artwork* kien inghata lis-socjeta’ attrici fl-ewwel laqgha li saret u cjoe’ f’Novembru.

Francis Camilleri, kaxxier tal-Club, ikkonferma li marru ghand is-socjeta’ attrici fl-ahhar ta’ Novembru 2002 u l-ftehim mas-Sur Gouder kien li s-socjeta’ attrici tlesti l-kalendarji sa l-ahhar ta’ Dicembru. Hadu biss kaxxa ta’ mija u hamsin kalendarju wara Jannar 2003. Il-*business cards* inghataw lis-socjeta’ attrici fl-ewwel laqgha.

Karl Gouder ghas-socjeta’ attrici qal li l-konvenuti kienu gew ghandu biss fit-tieni jew it-tielet gimgha ta’ Dicembru 2002. Il-*confirmation order* harget fil-15 ta’ Jannar, 2003. Il-*confirmation order* harget meta l-*artwork* kien lest. Il-kalendarju gie stampat fil-bidu ta’ Frar. Gouder qal li l-Club ha xi mitejn kalendarju u kellu jigi ghall-bilanc.

Fil-kontro-ezami Gouder qal “safejn naf jiena kien hemm zewg kalendarji differenti u mhux erbgha”. Gouder cahad li l-ftehim kien li s-socjeta’ attrici tlesti l-kalendarji sat-8 ta’ Dicembru, 2002 u lanqas li wieghed li jkunu lesti sa qabel il-Milied. Suppost il-*confirmation order* ikun ikkonfermat mill-klijent izda f’dan il-kaz qatt ma gie ffirmat.

Fir-re-ezami Gouder qal li gew ikellmuh l-ewwel darba fl-ewwel gimgha ta’ Dicembru jew it-tieni gimgha ta’ Dicembru.

Ra n-Noti tal-partijiet.

Illi fil-*confirmation order* datata 15 ta' Jannar, 2003 hemm 2 different calendars, 400 copies ghal Lm275 u l-kliem "work on this order will not commence prior to the receipt of this signed confirmation".

**Ikkunsidra**

Li l-partijiet taw verzjonijiet differenti tal-fatti. Hemm qbil li l-Club gabar biss parti mix-xoghol ordnat. Hemm qbil ukoll li ghalkemm is-socjeta' attrici harget *confirmation order* datata 15 ta' Jannar, 2003 fejn gie miktub "work on this order will not commence prior to the receipt of this signed confirmation" fil-fatt is-socjeta' attrici ghamlet xi xoghol u issa qieghda tippretendi l-hlas ta' l-ammont kollu skond dan il-*confirmation order*.

Illi huwa stramb li jinhareg *confirmation order* ghal kalendarju ta' 2003 f'Jannar 2003. Huwa stramb ukoll li l-kalendarju gie stampat biss fi Frar 2003. Gouder jghid li l-Club gabar biss "xi mitejn" u l-kumplament baqghu ghandhom.

Kienet is-socjeta' attrici li kellha tipprova li kien hemm ftehim ghal certu xoghol u li dak ix-xoghol sar skond il-ftehim. Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici ma kellha ebda obbligu li tibda x-xoghol qabel ma kellha l-*confirmation order* iffirmat. Is-socjeta' attrici qalet li kienet baghtet il-*confirmation order* lill-Club u l-fatt li qatt ma rceviet dan il-*confirmation order* iffirmat kienet indikazzjoni ta' nuqqas ta' ftehim. F'dan il-waqt is-socjeta' attrici kellha tieqaf u tara x'kien il-ftehim ezatt u mhux taghmel xoghol f'dak l-istadju.

Illi min-naha l-ohra l-Club ghazel li jigbor "xi mija u hamsa u ghoxrin" kalendarju u la gabarhom ma jistax jippretendi li ma jhallasx ghalihom.

Ghaldaqstant jikkundanna lil Xghajra Tornadoes Football Club biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm79.06c (disgha u sebghin lira Maltin u sitt centezmi) rapprezentanti ¼ (kwart) ta' l-ammont miftiehem u dan billi accetta li jiehu dawn il-kalendarji.

Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------